**Fil-Qorti tal-Magitrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikolu 7(2) tal-Kap 63 u**
**artikolu 15 tal-Kap 217**
**tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Sharon Tanti**
**Spettur Louise Vella**
**Spettur Sandro Zarb**
**V**

**NATALIYA KOMOYYETS**

**Seduta ta' llum, 30 ta' Settembru, 2001.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **NATALIYA KOMOYYETS** ta' tlieta w erbghin sena bint Vladimir Dorofeyev u Tatiana imwielda Donesk, Ukraina fil-wiehed u ghoxrin ta' Novembru, 1968 detentrici ta' passaport numru AT 336270, giet mressqa quddiemha akkuzata talli nhar f'San Pawl il-Bahar u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer, fit-tlettax ta' Settembru, 2002 u matul il-gimghat precedenti, b'diversi atti maghmulin minnha wkoll jeklk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, f'post pubbliku jew f'post espost ghal pubbliku, tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skon dl-ligi, tiddikjara lil imsemmija persuna bhala immigranta pprojbita u tordna li jinhareg ordni ta' tnehhija kontra taghha minn dwn il-Gzejjer.

Il-Qorti rat l-artikolu tal-ligi partikolarment l-artikolu 7(2) tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 14 u 15 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata u fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandiex triq ohra salv li ssib l-imputata hatja ta' din l-akkuza kif adebitata fil-konfront taghha.

Il-Qorti rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali mmarkat bhala dokument CSH esibit f'dawn l-atti datat tletin ta' Settembru 2002.

In vista tal-piena il-Qorti wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li tiddikjara li qed issib lil imputata hatja tal-akkuza kif adebitata fil-konfront taghha, tikkundanna lil istess imputata **NATALIYA KOMOYYETS** ghal perjodu ta' prigunerija ta'

gimghatejn b'dan li l-perjodu ta’ zmien li l-imputata ghamlet taht arrest preventiv ghandu jitnaqqas minn din is-sentenza.

Oltre dan tordna ai termini tal-artikolu 15 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta li tinhareg ordni ta’ tkeccija kontra taghha.

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**